32004D0079

L 26/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.1.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-17 ta' Diċembru 2003
## dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll ta' l-2001 magħha

(2004/79/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li jikkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Mejju 2000 il-Kunsill stabbilixxa, skond Artikolu 34(2)(d) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([1]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka ta' l-UE").

(2) Artikolu 2(1) ta' dik il-Konvenzjoni jiddetermina d-dispożizzjonijiet tagħha li jikkostitwixxu żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-applikazzjoni, implimentazzjoni u żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([2]).

(3) Fis-16 ta' Ottubru 2001 il-Kunsill stabbilixxa, skond Artikolu 34(2)(d) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Protokoll mal-Konvezjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([3]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Protokoll dwar Assistenza Reċiproka ta' l-UE").

(4) Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll jiddetermina li Artikolu 8 tiegħu jikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim, konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-applikazzjoni, implimentazzjoni u żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

(5) Skond it-termini ta' Artikolu 8 tal-Ftehim, ir-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja għandhom jirtabtu bil-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka ta' l-UE fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom u fir-relazzjonjiet tagħhom ma' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

(6) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li tawtorizza lill-Presidenza tal-Kunsill biex tiftaħ negozjati bil-ħsieb li jkunu applikati ċerti dispożizzjonijiet fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjali f'materji kriminali fuq il-bażi ta' Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Presidenza assistita mill-Kummissjoni, innegozjat ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja, li skond hu l-kontenut tad-dispożizzjonijiet sustantivi l-oħra tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka ta' l-UE u l-Protokoll dwar Assistenza Reċiproka ta' l-UE għandhom ukoll isiru applikabbli għar-Repubblika ta' l-Islanda u għar-Renju tan-Norveġja fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom u fir-relazzjonijiet ma' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

(7) Dan il-Ftehim għandu jkun iffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għal konklużjoni sussegwenti tiegħu,

([1]) ĠU C 197, 12.07.00, p. 1.
([2]) ĠU L 176, 10.07.99, p. 36.
([3]) C 326, tal-21.11.2001, p. 1.

IDDEĊIEDA LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll ta' l-2001 magħha huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jaħtar il-persuna(i) bil-poter (setgħa) li tiffirma l-Ftehim suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni u l-Ftehim mehmuż magħha għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ALEMANNO